A) **<u>Aqra sew din is-silta</u>**:

Darba kien hemm ġurdien ċkejken li qagħad jippassiġġa fuq dahar ta' ljun rieqed. Qajjmu u l-iljun rrabjat qabad lill-ġurdien u għamlu ma' ħalqu.

"Altezza, tikolnix! Aħfirli, u jekk tħallini nitlaq nwegħdek li qatt iżjed ma niġi ndejjqek. Anzi nkun nafħulek għomri kollu u forsi xi darba nkun nista' nroddulek."

L-iljun ried ibeżżgħu biss. Annimal ċkejken bħal dak ma kienx se **<u>jtaffilu l-ġuħ</u>**. Beda jidħak bih u jgħidlu:

"Isma' ftit! Dan il-ġurdien x'inhu ħelu! Jixtieq jagħmel favur lill-iljun! Ma tridx għalli jista' jkun tiġi tgħinni nfittex x'niekol? Jew inkella tibda tgħajjat minnfloki?"

Il-ġurdien tħawwad: "Altezza, naħliflek....."

"Tajjeb! Tajjeb! Se nħallik tmur!"

L-iljun fetaħ idejh u l-ġurdien telaq jiġri ferħan.



Ftit tal-jiem wara, l-iljun inqabad f'nassa. Kienet xibka kbira u soda u għalxejn tħabat kemm felaħ biex forsi jaħrab, għax ġo fiha baqa'. Aktar ma tħabat ġo din l-imbierka xibka aktar tgħaqqad u ma setax jiċċaqlaq. Fl-aħħar **<u>qata' qalbu</u>** u reħa ruħu għad-destin. Tant kien imdejjaq li bilkemm sema' daqsxejn ta leħen jistaqsih:

"Altezza, għandek bżonn għajnuna?"

L-iljun għajjien u b'għajnejh mimlija dmugħ dawwar rasu u: "Ee! Int! Int x'tista' tagħmel għalija?"

Il-ġurdien kien pront wieġbu: "Hemm bżonn li naqtgħu l-ħbula! Għandi snieni tajbin u jaqtgħu. Għalkemm forsi ndum ftit. Jekk ittini ftit ċans żgur li jirnexxieli!"

Minnufih il-ġurdien ċkejken beda jaħdem. Wara ftit l-iljun ħareġ waħda minn saqajh barra, mbaghad ħareġ l-oħra, mbagħad ħareġ kollu kemm hu.

"Qiegħed tara, altezza! Bqajt miftakar il-pjaċir li għamiltli u issa pattejthulek!"

"Għandek raġun!" qallu l-iljun. "Lanqas qatt ma kont nemmen li annimal ċkejken bħalek kellu jkun il-kaġun li jsalva annimal kbir u b'saħħtu bħali!"

B) **<u>Ikteb Veru jew Falz</u>**:

1) Il-ġurdien kien ta' daqs kbir mhux ħażin: _______________

2) Fil-bidu, l-iljun ra li kien impossibli li xi darba l-ġurdien seta' jgħinu: _______________

3) Imma fil-verita', fl-aħħar l-iljun verament ġie bżonn il-ġurdien: _______________

*(3 marki)*

Ċ) **<u>Imla l-vojt</u>**:

4) L-iljun ried ________________ biss. Annimal ckejken bħal dak ma kienx ser _________________ l-ġuħ.

5) L-iljun fetaħ _________________ u l-ġurdien telaq jiġri ferħan.

*(3 marki)*

D) **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet bi tweġibiet sħaħ**:

6) Fuq hiex qagħad jippassiġġa l-ġurdien?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7) Il-ġurdien għammillu żewġ wegħdiet lill-iljun li kienu:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8) Ġo xhiex inqabad l-iljun? Iddeskriviha.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9) Irnexxielu joħroġ minnha waħdu l-iljun? Iva jew Le (Agħżel) Kif taf? Agħti raġuni waħda skont kif għadek kif qrajt fis-silta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10) X'għamel il-ġurdien biex jeħles lill-iljun?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

11) Għaliex il-ġurdien għamel minn kollox biex jeħles lill-iljun?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

12) X'tagħlima nieħdu minn din l-istorja?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

*(2 marki x 7 = 14-il marka)*

E) **GRAMMATIKA**

1) Mis-silta sib **żewġ aġġettivi**:

__________________ , __________________

2) Mis-silta sib **żewġ verbi**:

__________________ , __________________

3) Agħti l-**Plural** ta' dawn il-kelmiet:

| Kelma | Plural | Kelma | Plural |
|---|---|---|---|
| annimal | | iljun | |
| ġurdien | | xibka | |

4) Agħti **tifsira għal dawn l-espressjonijiet skont is-silta**:

a) Annimal ċkejken bħal dak ma kienx se jtaffilu l-ġuħ. *JTAFFILU L-ĠUĦ* tfisser ______________________________________________

b) Fl-aħħar qata' qalbu u reħa ruħu għad-destin. *QATA' QALBU* tfisser

______________________________________________________________

*(marka 'l waħda = 10 marki)*

F) **KITBA QASIRA** *(10 marki)*

Kompli dan id-djalogu bejn iż-żrinġ u l-ħuta li jgħixu f'għadira f'tarf il-wied.

Tinsiex tibda linja ġdida kull darba li jibda jitkellem xi ħadd. Kompli ikteb ŻRINĠ u ĦUTA fil-bidu ta' kull linja.

Ikteb madwar 50 jew 60 kelma.

ŻRINĠ: Bonġu! Kif int dalgħodu? Tidher kemmxejn imħassba! Jaqaw?

ĦUTA: Jimporta toqgħod ftit kwiet, għax ma tantx għandi moħħok!

ŻRINĠ: ______________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

| | |
|---|---|
| **Ideat................................................5** | ______ |
| **Paragrafi u struttura tas-sentenzi....4** | ______ |
| **Grammatika.....................................4** | ______ |
| **Vokabularju u espressjonijiet...........3** | ______ |
| **Punteġġjatura..................................3** | ______ |
| **TOTAL .........................................20** | _____ |

## Ġ) **KOMPONIMENT**

<u>Ikteb komponiment ta' mhux anqas minn 120 kelma fuq wieħed minn dawn</u>:

***1)*** Kompli din l-istorja: ***Darba kont waħdi d-dar. Bdejt nisma bħal ħsejjes strambi ġejjin mill-garaxx..........***
Bżajt? X'għamilt? Kemm dam dan il-ħoss? X'iddeċidejt li tagħmel? Ċempilt lil xi ħadd jew ma kienx hemm bżonn? X'kien/u dan/dawn il-ħoss/ħsejjes? ..............

***2) Kif qattajt il-vaganzi tal-Milied***
Fejn mort? Ma' min? Kif qattajtu l-Milied? L-ewwel tas-Sena? Studjajt? Rigali, ikel, festini, ħbieb, studju..........

***3) Immaġina li inti għandek seħer maġiku. Iddeskrivi x'inhu u kif tużah.***
X'seħer għandek? Kif tużah? Min igawdi minnu jew min ibati b'dan is-seħer? Seħer tajjeb jew ħażin? Ġieli daħħlek ġo xi storja jew inkwiet jew ferħ?

***4) Ħares sew lejn l-istampi u ikteb storja fuq li qed tara.***
Meta/Fejn/Kif/Għaliex marru t-tfal? X'ħadu magħhom? Qabdu ħut? X'kielu? X'qabad it-tifel? X'għamlet it-tifla?



**SPAZJU GĦALL-PJAN TAL-KOMPONIMENT**